# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Dicembru, 2001

**Numru**

**Citaz. numru: 648/80 NA**

**Giusa Cremona armla ta' John u b'digriet tat-23 ta' Jannar, 1994 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Charles, Mario, May, Jimmy u Godwin ahwa Cremona biex ikomplu l-kawza minflok giusa Cremona li mietet fil-mori tal-kawza**

**vs**

1. **Giovanni Grech**
2. **Marija u Carmelo ahwa Grech ulied il-mejjet Riccardo Grech**
3. **Giovanni Grech b'digriet tas-17 ta' Gunju 1980 nominat kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-imsiefrin Carmela armla ta' Angelo Azzopardi; u**
4. **Salvu Grech**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Gunju, 1980 mill-attrici Giusa Cremona illi permezz taghha l-istess attrici, wara li ippremettiet:

"Illi fid-9 ta' Gunju, 1936 miet intestat Carmelo Grech, missier il-kontendenti;

Illi l-assi ereditarji ta' l-imsemmi Carmelo Grech kienu jikkonsistu fil-fondi 7 u 8, Triq Adelaide Cini, Hamrun u 2, Triq il-Kanonku Bonnici, Hamrun;

Illi l-attrici kienet, permezz ta' zewg (2) kuntratti rispettivi, wiehed pubblikat fit-13 ta' Gunju, 1952 fl-atti tan-Nutar Alberto Sigismondo Dandria u l-iehor pubblikat fit-12 ta' Gunju, 1950 in atti Nutar Victor Bisazza, akkwistat minghand Antonia Spiteri u Margherita Scerri settima parti (1/7) indiviza illi dawn kellhom kull wiehed mill-assi ereditarji tal-mejjet Carmelo Grech;

Illi ghalkemm l-attrici u Riccardo Grech kienu hallsu, nofs kull wiehed, lill-konvenuta Carmela Azzopardi u lill-konvenut

Salvu Grech, sehemhom mill-istess wirt tal-mejjet Carmelo Grech, ma kienx sar trasferiment jew cessjoni tal-kwota ereditarja kif trid il-ligi, hlief ghal sehem ta' wiehed minn tmintax (1/18) indiviz li l-istess attrici akkwistat mis-sehem tal-assi ereditarji appartenenti lill-istess konvenuti Carmela Azzopardi u Salvu Grech permezz ta' kuntratt pubblikat fid-19 'April, 1980 in atti Nutar Joseph Cachia;

Illi l-attrici ma tridx tibqa' fi stat ta' komunjoni u trid taqsam;

L-istess attrici TALBET lil din il-Qorti sabiex –

1. tiddikjara illi l-assi ereditarji tad-defunt Carmelo Grech kienu jikkonsistu fit-tliet (3) fondi imsemmija fil-premessi citattivi;

2. taqsam l-imsemmija fondi fil-kwoti li jirrizultaw okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi;

3. tinnomina nutar biex jippubblika l-att relattivi u tinnomina kuraturi biex jirrapprezentaw lill-kontumaci; u

4. f’kaz li l-fondi mhumiex komodament divizibbli, tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-istess fondi sabiex ir-rikavat jinqasam fil-kwoti rizultanti bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez.”

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat id-dokumenti ezebiti mac-citazzjoni attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut Giovanni Grech f’ismu proprju u bhala kuratur deputat nominat b’digriet tas-17 ta’ Gunju, 1980 biex jirrapprezenta lill-assenti Carmela Azzopardi, armla ta’ Angelo, u Salvu Grech, illi permezz taghha l-istess konvenut Giovanni Grech proprio et nomine eccepixxa s-segwenti –

1. preliminarjament, in-nuqqas ta’ integrita’ tal-gudizzju stante illi Riccardo Grech kellu tfal ohra apparti l-konvneuti Marija u Carmelo, ahwa Grech, u cioe’ Alfred, Amanuel u Joseph, ahwa Grech, illi jinsabu imsefrin; u

2. illi, fil-mertu, il-konvenuti ma jopponux ruhhom ghad-divizjoni tal-assi ereditarji tad-defunt Carmelo Grech salv il-verifika tal-konsistenza tal-assi u l-verifika tal-kwota rispettiva dovuta lill-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Giovanni Grech proprio et nomine u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuta Maria Grech illi permezz tagha hija eccepiet –

1. illi hija ma topponix ghad-divizjoni salv illi jigu accertati l-kwoti ereditarji tal-kontendenti; u

2. illi l-fondi in kwistjoni huma komodament divizibbli b'mod illi l-eccipjenti flimkien ma' huha Carmelo Grech jibqghu jokkupaw il-fond numru 2, Triq il-Kanonku Bonnici, Hamrun fejn ilhom jabitaw ghal tmienja u ghoxrin sena.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta Maria Grech.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni guramentataipprezentata mill-konvenuta Maria Grech bhala kuratrici ghan-nom tal-assenti hutha Emanuel, Alfred u Joseph, ahwa Grech illi ddahhlu fil-kawza u li permezz taghha l-istess Maria Grech nomine ddikjarat illi hija ma kinitx topponi ghad-divizjoni salv illi jigu accertati l-kwoti ereditarji.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenut Carmelo Grech u li permezz taghha l-istess Carmelo Grech ddikjara illi huwa ma kienx jopponi ghad-divizjoni salv illi jigu accertati l-kwoti ereditarji.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda pprezentata mill-konvenut Carmelo Grech.

Rat illi l-konvenut l-iehor Salvu Grech baqa' kontumaci.

Rat id-digriet moghti fl-10 ta' Novembru, 1982 illi permezz tieghu l-Qorti nnominat lil Dr. Tonio Mallia LL.D. bhala perit legali bis-soliti fakoltajiet sabiex bl-assistenza tal-kompjant A.I.C. Joseph Huntingford illi gie nominat bhala perit tekniku jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat id-digriet moghti fl-4 ta' Gunju, 1986 illi permezz tieghu ghal dak li jirrigwarda lill-konvenut Giovanni Grech illi miet fil-mori tal-kawza il-gudizzju gie trasfuz fuq Concetta, Francis, Josette u Ronald, ahwa Grech, u Mariella armla ta' Alexander Grech bhala kuratrici tal-minuri Emar Grech.

Rat id-digriet moghti fit-23 ta' Jannar, 1994 illi permezz tieghu ghal dak li jirrigwarda lill-attrici Giusa Cremona illi mietet fil-mori tal-kawza il-gudizzju gie trasfuz f'isem Charles, Mario, May, Jimmy u Godwin, ahwa Cremona.

Rat id-digriet moghti fil-5 ta' Dicembru, 1994 illi permezz tieghu l-Qorti ssostitwiet lill-kompjant A.I.C. Joseph Huntingford illi miet fil-mori tal-kawza bl-A.I.C. Rene' Buttigieg bhala perit tekniku.

Rat ir-rapport prezentat u mahluf mill-perit legali Dr. Tonio Mallia LL.D. u r-rapport prezentat u mahluf mill-perit tekniku A.I.C. Rene' Buttigieg fl-udjenza tat-8 t'April, 1997.

Rat in-nota ta' kritika prezentata mill-atturi ghar-rapport tal-perit legali (a fol. 224 et seq).

Rat id-dokumenti kollha ezebiti.

Rat l-atti kollha processwali, partikolarment in-nota ta' l-attur tat-22 ta' Gunju 2001 u d-digriet ta' din il-Qorti tat-30 ta' Lulju 2001 li wasslu ghan-nomina ta' l-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami w il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi ta' l-eredita' gjacenti ta' Carmela Azzopardi u ta' Maria u Carmelo Grech u bhala kuraturi wkoll ta' l-assenti Alfred Grech.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-istess kuraturi deputati tal-21 ta' Novembru 2001 u d-dikjarazzjoni minnhom maghmula fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2001 kif ukoll id-digriet tal-Qorti ta' l-istess data.

Ikkunsidrat:-

Illi l-kawza odjerna hija kawza ta' divizjoni tal-assi ereditarji tad-defunt Carmelo Grech, l-awtur tal-kontendenti. Il-kawza giet promossa mill-attrici Giusa Cremona, li mietet fil-mori tal-kawza, sabiex issir id-divizjoni tal-assi ereditarji tal-imsemmi Carmelo Grech u okkorrendo jsir il-bejgh in licitazzjoni f'kaz

illi jigi dikjarat illi tali assi ereditarji mhumiex komodament divizibbli.

Il-Qorti tosserva illi ghal kawza illi ilha tipprotratta ruhha ormai ghal ghoxrin sena, il-provi prodotti huma pjuttost skarni. Tali provi jikkonsistu fix-xhieda tal-attrici moghtija minnha qabel ma mietet li permezz taghha hija spjegat illi missierha Carmelo Grech kien miet ‘ab intestato’ u li l-wirt ghadda a favur tas-seba’ uliedu u cioe’ (i) l-attrici innifisha; (ii) Antonia Spiteri (li hija mejta u ghandha sitt ulied residenti lkoll l-Awstralja); (iii) Carmela Azzopardi, illi mietet ‘sine prole’; (iv) il-konvenut Salvu Grech; (v) Riccardo Grech, illi miet u intiret mill-hames uliedu, u cioe’ l-konvenuti Maria u Salvu, ahwa Grech illi jghixu Malta u Emanuel, Alfred u Joseph, ahwa Grech, illi f’din il-kawza gew rapprezenati mill-kuratrici ohthom il-konvenuta Maria Grech; (vi) Margherita Xerri; u (vii) Giovanni Grech.

L-istess attrici xehdet illi permezz ta’ kuntratt pubblikat fl-1950 hija xtrat is-sehem appartenenti lil ohtha Margherita Xerri, permezz ta’ kuntratt pubblikat fl-1952 hija flimkien ma’ huha l-konvenut Giovanni Grech xtraw is-sehem appartenenti lil ohthom Antonia Spiteri, u b’kuntratt pubblikat fl-1980 hija xtrat

nofs is-sehem ta' hutha Carmela Azzopardi u Salvu Grech li kienu rapprezentanti mill-prokuraturi Dottor Tommaso Fenech. L-attrici xehdet, u f'dan kienet sufragjata wkoll mix-xhieda tal-Avukat Dr. Joe Fenech LL.D., illi originarjament hija kienet xtrat is-sehem t'ohtha Carmela Azzopardi flimkien ma' huha Riccardo Grech pero ma kienx sar kuntratt u, izjed atard, peress illi effettivament il-flus spiccat hargithom kollha hi, il-kuntratt ta' trasferiment sa a favur taghha biss u bl-istess kuntratt (pubblikat fid-19 t'April, 1980 atti Nutar Joseph Cachia) xtrat ukoll is-sehem ta' huha Salvu Grech.

L-istess attrici in kontro-ezami xehdet illi l-flus u d-deheb li kienu jappartjenu lill-genituri tal-kontendenti kienu nqasmu bonarjament bejn il-kontendenti u allura l-assi ereditarji kienu jikkonsistu biss fil-fondi 7 u 8, Triq Adelaide Cini u 2, Triq il-Kanonku Bonnici, ilkoll fil-Hamrun.

L-attrici xehdet ukoll illi ohtha Antonia Spiteri mietet fl-1 ta' Lulju, 1981 filwaqt li ohtha l-assenti Carmela Azzopardi mietet fit-13 t'Awissu, 1980.

Il-konvenut Giovanni Grech xehed illi kien hemm xi flus u deheb illi minnhom huwa ma ha xejn. Xehed ukoll illi l-attrici

kienet tellghet cint u ghalqet u zammet ghalija tliet kwarti mill-bitha tal-fondi 7 u 8, Triq Adelaide Cini, Hamrun, illi kienu dar wahda, u lilu hallietlu l-kwart rimanenti. Qal ukoll illi dawn ix-xoghlijiet saru waqt illi huwa kien nieqes ghal xi zmien mid-dar.

Il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghar-rapport prezentat u mahluf mill-perit tekniku A.I.C. Rene' Buttigieg fit-8 t'April, 1987, f'liema rapport l-istess perit tekniku jaghti deskrizzjoni pjuttost dettaljata ta' kull wiehed mit-tliet (3) fondi u stima taghhom.

Il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghan-nota ta' kritika pprezentata mill-atturi (a fol. 224 et seq. tal-process) ghar-rapport tal-perit tekniku u li permezz taghha l-istess atturi jirrilevaw illi, kuntrarjament ghall-konkluzjonijiet illi wasal ghalihom il-perit legali, l-eredi ta' Giusa Cremona ghandhom sehem ta' erbgha minn sebgha (4/7) indiviz mill-assi ereditarji, l-eredi ta' Giovanni Grech ghandhom zewg ishma minn sebgha (2/7) indiviz mill-assi ereditarji, u l-eredi ta' Riccardo Grech ghandhom sehem indiviz minn sebgha (1/7) mill-assi ereditarji tad-defunt Carmelo Grech. Il-Qorti taqbel ma' din il-kritika u sa fejn huwa necessarju sejra tvarja r-rapport tal-Perit

Legali f'dan is-sens ghal dak li jirrigwarda l-paragrafu 14 tar-rapport tieghu a fol. 210 tal-process.

Ikkunsidrat:-

Illi kif gja rilevat l-eredita' tad-defunt Carmelo Grech iddevolviet fuq is-seba' (7) uliedu illi ghalhekk wirtu sehem indiviz minn sebgha (1/7) kull wiehed. L-attrici Giusa Cremona xtrat is-sehem t'ohtha Margerita Scerri b'kuntratt pubblikat fit-13 ta' Gunju, 1952 in atti Nutar Alberto Sigismondo D'Andria (a fol. 14 et seq tal-process). L-attrici Giusa Cremona tallega illi hija xtrat ukoll is-sehem ta' ohra Antonia Spiteri u taghmel riferenza ghall-kuntratt pubblikat fit12 ta' Gunju, 1950 in atti Nutar Victor Bisazza (a fol. 9 et seq), liema kuntratt pubbliku gie ezebit ukoll mill-konvenut Giovanni Grech fil-kors tad-depozizzjoni teighu (a fol. 87 et seq tal-process) u minn liema kuntratt pubbliku, pero', jirrizulta illi s-sehem ta' Antonia Spiteri nxtara mill-konvenut Giovanni Grech u mhux mill-attrici Giusa Cremona kif tallega l-istess attrici. L-attrici imbaghad xtrat l-ishma ta' Salvatore Grech u Carmela Azzopardi permezz ta' kuntratt pubblikat fid-19 t'April 1980 in atti Nutar Joseph Cachia (a fol. 5 et seq).

Ghaldaqstant, oltre s-sehem taghha, l-attrici Giousa Cremona xtrat u akkwistat ukoll is-sehem ta' Margherita Scerri, Carmela Azzopardi u Salvu Grech, biex b'hekk spiccat b'erba' ishma indivizi minn sebgha (4/7).  Da parti tieghu, Giovanni Grech, oltre ghas-sehem tieghu, xtara s-sehem ta' Antonia Spiteri, biex b'hekk spicca b'zewg ishma indivizi minn seba' (2/7) filwaqt illi Riccardo Grech baqa' jzomm is-sehem tieghu.

Il-Qorti tabbraccja u taghmel taghha dik il-parti mill-konkluzjonijiet peritali li fia gie rilevat illi dwar flus u deheb allegatament formani parti mill-assi ereditarji tad-defunt Carmelo Grech ma ngabu ebda provi sodisfacenti u ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta illi l-assi ereditarji tad-defunt Carmelo Grech jikkonsistu fit-tliet (3) fondi 7 u 8 Triq Adelaide Cini u 2, Triq il-Kanonku Bonnici, ilkoll fil-Hamrun.

Il-Qorti tirrileva wkoll illi saru provi u riferenzi dwar hitan illi allegatament inbnew fil-bitha tal-fonsdi 7 u 8, Triq Adelaide Cini, Hamrun u din il-Qorti tosserva in succint illi dan kollu bl-ebda mod ma jincidi fuq il-mertu parikolari u l-ezitu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta wkoll illi t-tliet komproprjetarji li kien fadal (fil-kwoti fuq imsemmija) u cioe' Giusa Cremona, Giovanni Grech u Riccardo Grech, ilkoll mietu, u s-sehem rispettiv taghhom intiret, in kwantu ghal Giusa Cremona minn hames (5) eredi, in kwantu ghal Giovanni Grech minn hames (5) eredi ohra u s-sehem ta' Riccardo Grech minn mill-inqas hames (5) eredi ohra (stante illi wiehed mill-werrieta, Carmelo bin Riccardo Grech, ukoll miet fil-mori tal-kawza), u ghaldaqstant in vista tal-kwoti rispettivi, tan-numru ta' eredi u tal-fondi kif deskritti fir-rapport tal-perit tekniku, jirrizulta illi t-tliet (3) fondi 'de quo' mhumiex komodament divizibbli bejn il-komproprjetarji kollha.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara illi l-assi ereditarji tad-defunt Carmelo Grech jikkonsistu fil-fondi 7 u 8, Triq Adelaide Cini u 2, Triq il-Kanonku Bonnici, ilkoll fil-Hamrun; tiddikjara illi l-kwoti rispetti huma ta' erbgha ishma indivizi minn sebgha (4/7) appartenenti lill-atturi, zewg ishma indivizi minn sebgha (2/7) appartenenti lill-konvenuti eredi tad-defunt Giovanni Grech, u sehem indiviz minn sebgha (1/7) appartenenti lill-konvenuti eredi tad-defunt Riccardo Grech; tiddikjara illi t-tliet (3) fondi 'de quo' mhumiex komodament divizibbli bejn il-kompropretajri kollha u tordna l-bejgh in

licitazzjoni tat-tliet (3) fondi in kwistjoni sabiex ir-rikavat taghhom jinqasam bejn il-kontendenti fil-kwoti fuq imsemmija.

In vista tan-natura tal-kaz l-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu bl-istess proporzjon ta' l-ishma rispettivi tal-partijiet.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.